**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ. Nru. 319/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Oliver Bonello**

**Illum 30 ta' Ġunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Oliver Bonello ta' tmienja u tletin (38) sena, iben Carmel u Nicolina neè Farrugia, imwieled ġewwa l-Pietà nhar is-6 ta' Novembru 1983 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 85884(M):

Talli nhar l-14 ta' Ġunju 2022 għall-ħabta ta' 8:00p.m. u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew xhur ta' qabel ġewwa s-Siġġiewi u diversi inħawi f'dawn il-gżejjer Maltin:

1. Ikkaġuna lil kuġinuh Marcus Saverius Bonello, zijuh George Bonello, zijuh Emanuel Bonello, kuġinuh Reuben Bonello, zijuh Anglu Bonello, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili;

2. Ikkaġuna lil kuġinuh Marcus Saverius Bonello, zijuh George Bonello, zijuh Emanuel Bonello, kuġinuh Reuben Bonello, zijuh Anglu Bonello, biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħhom, id-delitt, jew delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili;

U talli fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

3. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil kuġinuh Marcus Saverious Bonello, zijuh George Bonello, zijuh Emanuel Bonello, kuġinuh Reuben Bonello, zijuh Anglu Bonello jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil kuġinuh Marcus Saverius Bonello, zijuh George Bonello, zijuh Emanuel Bonello, kuġinuh Reuben Bonello, zijuh Anglu Bonello jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

U aktar talli nhar l-10 ta' Ġunju 2002 fil-ħinijiet ta' bejn 10:00p.m. u 11:00p.m., ġewwa Siġġiewi:

5. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' zijuh George Bonello f'periklu ċar volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq persuntu, hekk kif iċċertifika Dr. Sean Francalanza, Med. Reg. No. 3822;

U aktar talli nhar l-14 ta' Ġunju 2022 fil-ħinijiet ta' bejn 6:00p.m. u 8:00p.m. ġewwa Siġġiewi:

6. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' zijuh George Bonello f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ħafifa fuq persuntu, hekk kif iccertifika Dr. Kenneth Falzon, Med. Reg. No. 4417;

U aktar talli nhar l-14 ta' Ġunju 2022 fil-ħinijiet ta' bejn is-6:00p.m. u t-8:00p.m., ġewwa Siġġiewi:

7. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Ma żammx armi jew munizzjon imniżżlin taħt l-Iskeda I u l-Iskeda II li jinsabu ma' l-Att, maqfulin sew f'post sigur ġewwa r-residenza tiegħu u naqas li jiżgura li ħadd ħliefu ma kellu aċċess għalihom u dan bi ksur tar-Regolament 8(b) u 15(a) tal-Kap.480 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 480.02 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u, jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5(3) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Bħala pussessur tal-liċenzja taħt l-Artikolu 27(1) tal-Kap.480 naqas li jħares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-liċenzja;

11. Bħala persuna li għandu liċenzja biex iżomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma żammx fil-kustodja tiegħu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddieħor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. Bħala detentur tal-liċenzja taħt xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar l-Armi naqas milli jħares il-pattijiet tal-liċenzja jew kellu fil-pussess jew kien ġar xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati fil-liċenzja maħruġa lilu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' Oliver Bonello bħala persuna reċidiva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat illi waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2022, il-Prosekuzzjoni rtirat l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat;

Rat it-talbiet ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat a benefiċċju ta' kuġinuh Marcus Saverious Bonello, zijuh George Bonello, zijuh Emanuel Bonello, kuġinuh Reuben Bonello, zijuh Anglu Bonello u l-familjari tagħhom, ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tordna Ordni ta' Trattament skond l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) f'każ ta' sejbien ta' ħtija ta' l-imputat, tipprovdi għall-persuni ta' kuġinuh Marcus Saverius Bonello, zijuh George Bonello, zijuh Emanuel Bonello, kuġinuh Reuben Bonello, zijuh Anglu Bonello jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputat billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq; u sabiex il-Qorti (iv) f'każ ta' sejbien ta' ħtija ta' l-imputat, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti f'dawn il-proċeduri ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li oriġinarjament l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022, ossia: (i) il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "EH1"[2]; (ii) personal details' form ta' l-imputat - Dok. "EH2" a fol. 11 tal-proċess; (iii) rapport tal-Pulizija datat 14 ta' Ġunju

[1] Fol. 35 tal-proċess.
[2] Fol. 9 u 10 tal-proċess.

2022 - Dok. "EH3" a fol. 13 sa' 16 tal-proċess; (iv) rapport tal-Pulizija datat 11 ta' Ġunju 2022 - Dok. "EH4" a fol. 17 sa' 19 tal-proċess; (v) rapport tal-Pulizija datat 11 ta' Ġunju 2022 - Dok. "EH5" a fol. 20 sa' 22 tal-proċess; (vi) rapport tal-Pulizija datat 11 ta' Ġunju 2022 - Dok. "EH6" a fol. 23 sa' 26 tal-proċess; (vii) rapport tal-Pulizija datat 11 ta' Ġunju 2022 - Dok. "EH7" a fol. 27 sa' 29 tal-proċess; (viii) ċertifikat mediku relattiv għal George Bonello - Dok. "EH8" a fol. 30 u 31 tal-proċess; (x) ċertifikat mediku relattiv għal Oliver Bonello - Dok. "EH9" a fol. 32 tal-proċess; (xi) irċevuta ta' l-oġġetti elevati mill-Pulizija mingħand Oliver Bonello - Dok. "EH10" a fol. 33 tal-proċess; (xii) stqarrija awdjoviżwali rilaxxata mill-imputat - Dok. "EH11" a fol. 34 tal-proċess;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2022 ossia: (i) riċevuta datata 14 ta' Ġunju 2022 maħruġa mill-Pulizija lil Oliver Bonello – Dok. "EH12", (ii) estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' Oliver Bonello – Dok. "EH13", (iii) evidence bag b'numru ta' boroz vojta li jidhru li kien fihom sustanza illeċita – Dok. "EH14" u (ii) evidence bag b'borża fiha f'sustanza – Dok. "EH15";

Rat illi waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2022 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2022 il-Prosekuzzjoni rtirat l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat u il-Qorti, wara li spjegat lill-imputat bl-iktar mod solenni l-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu dwar l-ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, tatu ftit żmien biex jerġa' lura minnha, u l-imputat ikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu għall-imputazzjonijiet kif issa dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fl-24 ta' Ġunju 2022;

Semgħat ix-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ġunju 2022 u rat id-dokumenti esebiti minnu immarkati minn Dok. "EH16" sa' Dok. "EH21". Rat illi ż-żewġ armi elevati mill-pussess ta' l-imputat, ossia shot gun Black Magic T22507 u shot gunBreda Serial Number 160100, u l-munizjoni wkoll elevata mill-pussess ta' l-imputat ġew esebiti formalment mill-istess Spettur Hayman;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, tad-Difiża u ta' Dr. Joe Giglio għal George Bonello, dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli talli nhar l-14 ta' Ġunju 2022 għall-ħabta ta' 8:00p.m. u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew xhur ta' qabel ġewwa s-Siġġiewi u diversi inħawi f'dawn il-Gżejjer, Maltin: (1) ikkaġuna lil kuġinuh Marcus Saverius Bonello, zijuh George Bonello, zijuh Emanuel Bonello, kuġinuh Reuben Bonello, zijuh Anglu Bonello, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili;

(2) ikkaġuna lil kuġinuh Marcus Saverius Bonello, zijuh George Bonello, zijuh Emanuel Bonello, kuġinuh Reuben Bonello, zijuh Anglu Bonello, biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħhom, id-delitt, jew delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili; U talli fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (3) ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil kuġinuh Marcus Saverious Bonello, zijuh George Bonello, zijuh Emanuel Bonello, kuġinuh Reuben Bonello, zijuh Anglu Bonello jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; (4) għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil kuġinuh Marcus Saverius Bonello, zijuh George Bonello, zijuh Emanuel Bonello, kuġinuh Reuben Bonello, zijuh Anglu Bonello jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni; U aktar talli nhar l-10 ta' Ġunju 2002 fil-ħinijiet ta' bejn 10:00p.m. u 11:00p.m., ġewwa Siġġiewi: (5) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' zijuh George Bonello f'periklu ċar volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq persuntu, hekk kif iċċertifika Dr. Sean Francalanza, Med. Reg. No. 3822; U aktar talli nhar l-14 ta' Ġunju 2022 fil-ħinijiet ta' bejn 6:00p.m. u 8:00p.m. ġewwa Siġġiewi: (6) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' zijuh George Bonello f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ħafifa fuq persuntu, hekk kif iccertifika Dr. Kenneth Falzon, Med. Reg. No. 4417; U aktar talli nhar l-14 ta' Ġunju 2022 fil-ħinijiet ta' bejn is-6:00p.m. u t-8:00p.m., ġewwa Siġġiewi: (7) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta; (8) ma żammx armi jew munizzjon imniżżlin taħt l-Iskeda I u l-Iskeda II li jinsabu ma' l-Att, maqfulin sew f'post sigur ġewwa r-residenza tiegħu u naqas li jiżgura li ħadd ħliefu ma kellu aċċess għalihom u dan bi ksur tar-Regolament 8(b) u 15(a) tal-Kap.480 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 480.02 tal-Liġijiet ta' Malta; (9) kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u, jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5(3) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta; (10) bħala pussessur tal-liċenzja taħt l-Artikolu 27(1) tal-Kap.480 naqas li jħares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-liċenzja; (11) bħala persuna li għandu liċenzja biex iżomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma żammx fil-kustodja tiegħu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddieħor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta; (12) bħala detentur tal-liċenzja taħt xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar l-Armi naqas milli jħares il-pattijiet tal-liċenzja jew kellu fil-pussess jew kien ġar xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati fil-liċenzja maħruġa lilu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Minkejja l-ammissjoni ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tas-seba' imputazzjoni dedotta kontrih u dana billi ai termini ta' l-Artikolu 4(1) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti ma għandhiex kompetenza oriġinali fir-rigward ta' reati relattivi għal pussess ta' droga projbita għall-użu personali u l-Prosekuzzjoni ma ottjenietx l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Ordni huwa meħtieġ proprio sabiex din il-Qorti tkun kompetenti tittratta reati ai termini tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta[3].

Il-Qorti lanqas ma hija ser tieħu konjizzjoni ta' l-għaxar imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat stante li hija alternattiva għall-imputazzjoni numru tnax dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

Trattati dawn il-punti l-Qorti, fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat qed issibu ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, it-tmien, id-dsa' il-ħdax u t-tnax il-imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatti:

1. In-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati;
2. Il-fedina penali ta' l-imputat minn liema jirriżulta li già kellu kundanna ai termini tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, liema fatt jirrendi applikabbli għall-każ odjern l-Artikolu 58 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Il-fatt li l-imputat għandu problema akuta ta' dipendenza fuq id-droga;
4. L-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proċeduri; u li
5. It-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjoni dedotti kontra l-imputat huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u li t-tmien, disa' u l-ħdax il-imputazzjoni huma assorbiti fl-imputazzjoni numru tnax dedotta kontrih.

Għaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' u ta' l-għaxar imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 31, 49, 202(h)(vii), 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 251A(1)(b)(4), 251B, 251H(b)(f), 339(1)(d)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regoli 8(b) u 15(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 480.02, l-Artikoli 5(1)(a), 27(1), 47(1), 51(2) u l-ewwel proviso tiegħu, 51(2)(8)(9), 52 u 58 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, it-tmien, id-disa', il-ħdax u t-tnax il-imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija u għall-ħlas tal-multa ta' tmien mitt Euro (€800) izda billi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat

[3] Vide sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Andreana Caruana" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' April 2019 u b'mod partikolari l-ġurisprudenza fiha ċitata.

irreġistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u l-fatt li fundamentalment l-imputat għandu bżonn l-għajnuna biex jegħleb il-vizzju akut tad-droga li huwa għandu, a tenur ta' l-Artikolu 28A u 28E tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 11(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti avżat lill-imputat li jekk il-multa ta' €800 hawn imposta fuqu ma titħallasx, din tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull €35 jew parti minnhom.

Ai termini ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska ta' l-armi u munizzjoni elevati mill-pussess ta' l-imputat ossia shot gun Black Magic T22507 u shot gunBreda Serial Number 160100 u l-munizjoni msemmija u indikati fid-dokumenti Dok. "EH16" u Dok. "EH17".

Ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tħassar il-liċenzja maħruġa a favur l-imputat taħt l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u tipprojbih milli jkollu liċenzja taħt l-imsemmi Att għal żmien erba' (4) snin mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni u dana għall-perijodu ta' erba' (4) snin mil-llum u taħt il-kondizzjonijiet u termini imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li kopja ta' din is-sentenza u kopja ta' l-Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum stess jiġu notifikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tavża lill-imputat li jekk tul il-perijodu li fih ikun fis-seħħ l-Ordni ta' Superviżjoni mogħti fil-konfront tiegħu llum huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi ħtieġa ta' dan l-istess Ordni, f'każijiet serji u ripetuti s-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'din is-sentenza u li fiha sar l-Ordni ta' Superviżjoni tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjonin ta' l-Ordni ta' Superviżjoni, jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Marcus Saverius Bonello, George Bonello, Emanuel Bonello, Reuben Bonello u Anglu Bonello. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati

f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni anness magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**